21 ta' Mejju, 1953.

Imħallef:
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

P.L. Benedict Hadrian Dingli *ne.*

*versus*

*Joseph Mifsud Bonnici, O.B.E., ne.*

**Interdizzjoni — Pagament — Depożitu — Żbank — Nullità — Prova — Art. 1197, 1189, 1068 (2) u 1265 tal-Kodiċi Ċivili, u Art. 524 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Żbank ta' flus effettwat mill-persuna li għandha dawk il-flus fil-Bank*

*jikkostitwixxi pagament li l-Bank jagħmel in eżekuzzjoni ta' l-obligu tiegħu li jrodd il-flus depożitati lill-persuna li hija ntitolata għalihom.*

*Ħlas magħmul lil persuna inkapaċi huwa null, bil-konsegwenza li min ikun għamel dak il-pagament ikun obligat jerġa' jħallas; għaldaqstant, jekk dak il-ħlas isir lid-depożitant meta dan huwa interdett, dak il-ħlas huwa null bħala magħmul lil persuna inkapaċi.*

*Però, jekk id-debitur (f'dan il-każ il-Bank) jipprova li l-ħlas magħmul lill-interdett ikun avvantaġġja u kien utili għall-kreditur, dak il-pagament mhux null; imma l-prova ta' dik il-versjoni utili tinkombi lil min jagħmel il-pagament; u din il-prova tista' ssir anki fl-istess kawża li fiha jiġi mitlub il-ħlas mill-ġdid ta' dawk il-flus hekk imħallsin.*

*In kwantu għaż-żmien meta trid tkun teżisti l-utilità, ma hemmx bżonn li dik l-utilità kienet teżisti fiż-żmien li tiġi esperita l-azzjoni għar-ripetizzjoni ta' dawk il-flus, iżda hu biżżejjed li kienet teżisti fiż-żmien meta sar il-ħlas.*

*L-effetti ta' l-interdizzjoni jibdew mill-ġurnata tad-digriet li jordna l-interdizzjoni, anki għat-terzi, indipendentement mix-xjenza jew injoranza tagħhom; u għalhekk il-pagament magħmul lill-interdett ma jiswiex jekk sar wara dak id-digriet, u b'mod speċjali jekk min ħallas kien jaf b'dak id-digriet; salva dejjem il-possibilità ta' min għamel il-pagament li jeħles mir-responsabilità għaddanni billi jipprova l-versjoni utili ta' dak il-pagament fil-vantaġġ ta' l-inkapaċi li rċieva l-flus.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress illi l-konvenut nomine, wara li Giovanni Xuereb kien ġie provviżorjament interdett b'digriet tal-31 ta' Mejju 1952, tas-Sekond'Awla ta' dina l-Qorti, ikkonsenjalu komplessivament is-somma ta' £350 mill-kapital ta' £410. 15. 0, li l-interdett kellu in depożitu fil-Malta Government Savings Bank skond librett numru 15443, wara li kien debitament avżat bl-ittra dok. 'C' u wara l-publikazzjoni tal-Court Notice no. 161 ta' l-20 ta' Ġunju 1952, Dok. 'D'; u billi l-ħlas magħmul lill-interdett huwa null għall-finijiet kollha tal-liġi; talab li l-konvenut nomine jiġi kundannat li jirreintegra dak id-depożitu, billi jerġa' jpoġġi a kreditu ta' l-interdett, fil-lib-

rett fuq imsemmi, is-somma fuq indikata ta' £50 flimkien ma' l-interessi tat-tnejn fil-mija (2%) — rata bankarja — fuq is-singoli ammonti konsenjati lill-interdett mill-ġurnata ta' l-iżbank rispettiv sa dik tar-reintegrazzjoni tad-depożitu. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, inklużi dawk tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili Sekond'Awla, li huwa inġunt biex jidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi skond il-verbal *fol.* 29 *fuq miġjub*, l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet ġew rinunzjati, u l-Qorti, għalhekk, ma tieħux konjizzjoni tagħhom;

Illi, fit-tielet lok, il-konvenut issottometta li r-rifużjoni mitluba mill-attur mhix dovuta, għaliex il-flus imħallsa lill-inibit minnu rappreżentat servew għall-vantaġġ tiegħu;

Illi l-attur jippretendi li dina l-kwistjoni għandha tinġieb 'il quddiem "ope actionis", u ma tistax kwindi tingħata "ope exceptionis";

Illi l-azzjoni esperita mill-attur tidher bażata fuq l-art. 1197 tal-Kodiċi Ċivili, li jiddisponi hekk:— "Ma jiswiex il-ħlas magħmul lill-kreditur, jekk dan ma kienx kapaċi li jirċevih, ħlief jekk id-debitur jipprova illi l-ħaġa mħallsa marret għall-vantaġġ tal-kreditur". Ma hemmx dubju li anki l-iż-banki effettwati mill-inibit jikkostitwixxu l-ħlas fuq imsemmi, għaliex skond l-art. 1189 Kodiċi ċitat, ħlas ifisser l-eżekuzzjoni ta' obligazzjoni, u l-konvenut, bħala depożitarju tal-flus ta' l-inibit, kien obligat irodd il-ħaġa depożitata lil dak biss li jkun fdahielu jew lil dak li fl-isem tiegħu jkun sar id-depożitu (art. 2010 Kodiċi ċitat); u fil-każ tagħna l-flus kienu intestati fl-isem ta' l-inibit Giovanni Xuereb;

Illi l-art. 1197 fuq ċitat jissanzjona r-regola li l-ħlas lil persuna inkapaċi huwa null, bil-konsegwenza li min ikun għamlu jkun obligat jerġa' jħallas. Iżda l-unika difiża li għandu d-debitur hija li jipprova li l-ħlas avvantaġġa u kien utili lill-kreditur. Mentri l-inkapaċi jrid jipprova biss l-inkapaċità tiegħu fil-mument tal-ħlas, id-debitur obligat jipprova dina

l-versjoni utili. Id-debitur, b'dina l-allegazzjoni, isir attur u jistħoqqlu jagħmel il-prova tagħha;

Igħid Demolombe:— "E' egli (il debitore) che afferma e diventa attore nella sua eccezione......... reus excipendo fit actor. Spetta a lui dunque provare" (Diritto Civile, Vol. XXVII § 193);

B'dina d-difiża, jekk tirnexxi, id-debitur jeħles mir-ripetizzjoni tal-pagament. Huwa jkun qisu ħallas lil persuna li kienet kapaċi, bil-konsegwenza li l-azzjoni esperita mill-kreditur taqa', bl-istess mod li taqa' l-azzjoni għal persuna kapaċi meta l-ħaġa tirriżulta ġa mħallsa. Issa, jekk qatt ma kien hemm dubju li, trattandosi ta' persuni kapaċi, id-debitur jista' fl-istess kawża jiddefendi ruħu bl-eċċezzjoni tal-pagament, ma hemmx raġuni għaliex dana l-mod ta' difiża ma għandux jiġi ammess fil-każ tal-versjoni utili, li, jekk pruvata, timpedixxi r-ripetizzjoni tal-pagament;

Del resto, anki f'każ li tkun eżerċitata l-"azzjoni", dina, skond id-dottrina, "funzionerà piuttosto come eccezione" (Dig. Ital., "azione de in rem verso", § 35);

Illi, in vista tal-konsiderazzjonijiet fuq miġjuba, l-eċċezzjoni ta' l-attur mhix fondata, u qiegħda tiġi respinta, bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Illi, però, biex ikun jista' jinvoka favur tiegħu l-benefiċċju tal-versjoni utili, il-konvenut jeħtieġlu jipprova li l-flus żbankati mill-inibit ġew konvertiti a vantaġġ ta' l-istess inibit. Dwar iż-żmien li fih trid tkun teżisti dina l-utilità, id-dottrina u l-ġurisprudenza ma jaqblux. Iżda l-Qorti tipprorendi għall-opinjoni li ma hemmx bżonn li dina l-utilità tkun teżisti fiż-żmien li tiġi esperita l-azzjoni, iżda biżżejjed li tkun eżistiet fiż-żmien li jkun sar il-ħlas. Din tidher li kienet il-fehma tal-leġislatur (art. 1068 (2) u 1265 Kodiċi Ċivili), u din ukoll l-interpretazzjoni tal-Qrati Tagħna (Kollez. IX, 809, col. 2da. med.). Biżżejjed li l-ħaġa tkun ġiet impjegata mill-inkapaċi fl-akkwist ta' ħwejjeġ neċessarji; għaliex, anki jekk hija ma teżistix iżjed, jibqa' dejjem validu l-prinċipju li "hoc ipso quo non est pauperior factus, locupletior est" (Pothier,

Obbligazioni § 504). Kieku ma kienx hekk, kienu jiġu esklużi minn dina l-azzjoni, bażata fuq ekwità, dawk il-ħwejjeġ li, minħabba għax neċessarji u indispensabili, ġeneralment ma jibqgħux jeżistu għal dejjem jew għal żmien twil. Din hija l-opinjoni ta' *Coviello, li jikkumbatti* l-obbjezzjoni, "non est versum si non duret". "Trattandosi di spese necessarie", igħid dan l-awtur, "non è possibile pretendere un'utilità duratura............ potendosi, se mai, avere nelle sue conseguenze più o meno lontane e indirette" (Digesto Italiano, voce cit., § 41);

Illi l-Qrati Tagħna rrikonoxxew l-esperibilità ta' l-azzjoni *utili*, speċjalment *f'każ ta' spejjeż* alimentari, u obligaw lir-raġel iħallas is-self magħmul minn martu, minnu separata "de facto", għall-manteniment tagħha (Kollez. XXXII —II—25), u *jikkostringu* lill-missier illeġittimu li jirrifondi lill-omm illeġittima l-ispejjeż li hija għamlet għat-tarbija sa mill-ġurnata tat-twelid tagħha (Kollez. XXXII—I—468);

Illi, premessi dawn il-konsiderazzjonijiet, jirriżulta mill-provi:—

1. Illi b'digriet tal-31 ta' Mejju 1952, is-Sekond'Awla ta' din il-Qorti inabilitat *provviżorjament* lill-imsemmi Xuereb...............;

*2. Illi mit-13 ta' Ġunju* sat-3 ta' Lulju 1952, l-imsemmi Xuereb irtira mill-Malta Government Savings Bank, u mill-flus depożitati f'ismu, is-somma komplessiva ta' £60, kif speċifikata fil-prospett fol. 8;

3. Illi b'ittra ta' l-14 ta' Ġunju 1952 (li kopja tagħha tinsab eżibita *fol. 9) l-attur għarraf* lill-konvenut nomine bl-imsemmija inabilitazzjoni ta' John Xuereb u bin-nomina tiegħu bħala kuratur; b'dana kollu l-konvenut ma ħax passi biex l-inibit ma jkomplix jiġbed flus;

4. Illi b'digriet tas-17 *ta'* Settembru 1952, dik l-istess Qorti awtorizzat lill-attur jgħaddi lill-inibit £3 fil-ġimgħa għall-manteniment tiegħu...............;

5. Illi dik il-Qorti awtorizzat lill-attur li jaġixxi għar-rifużjoni ta' l-ammonti biss żbankati wara l-20 ta' Ġunju 1952, jiġifieri wara li l-konvenut kien ġie notifikat mill-attur bl-ittra fuq miġjuba, u konsegwentement is-somma ġiet limitata għal £50;

Tikkunsidra;

Illi, apparti l-konsiderazzjoni li l-effetti ta' l-inibizzjoni jibdew mill-ġurnata tad-digriet (art. 524 Proċedura Ċivili) anki għat-terzi (Kollez. XXVIII—I—45), indipendentement mix-xjenza jew l-injoranza tagħhom (Kollez. XVI—II—80), huwa fatt illi l-iżbank tal-flus depożitati hu att li jeċċedi s-sempliċi amministrazzjoni; kwindi l-imsemmi Xuereb ma setax jirtira flus mingħajr l-assistenza tal-kuratur tiegħu; u għalhekk, proprjament, dak il-ħlas ma jiswiex. Iżda l-konvenut irnexxielu jiddimostra li dawk il-flus servew għall-bżonnijiet mhux kapriċċużi ta' l-inibit, li ma jirriżultax li, biex jgħix, kellu mezzi oħra barranin. Konferma ta' dan insibuha fiċ-ċirkustanza deposta mill-istess attur, li ċjoè, sakemm hu ma kienx awtorizzat jgħaddi l-pensjoni ta' £3 fil-ġimgħa lill-inibit, dan ma kien irċieva xejn minn għandu, u sa minn qabel ma sar ir-rikors relattiv l-inibit ma kellu ebda sold. Veru li, meta jsiru d-debiti kalkoli, is-somma ta' £50, imqassma f'disgħa u disgħin ġurnata, tiġi teċċedi l-pensjoni awtorizzata; iżda d-differenza hija relattivament tenwi u mhux tali li, jekk il-kuratur kellu jitlob awtorizzazzjoni għaliha, dina ma kienetx tiġi akkordata; u għalhekk din il-Qorti taqbel ma' dak li rriteniet fil-kawża "Notaro Pietro Bartoli P.L. ne. vs. Giuseppe R. Bugeja et.", deċiża fis-17 ta' Ġunju 1910 (Kollez. XXI—II—103), u tammetti anki dik l-eċċedenza;

Illi, kwantu għall-ispejjeż, dawn għandhom jiġu moderati, peress li, mentri l-attur kien jaf li l-inibit ma kellux, fl-imsemmi perijodu, mezzi oħra biex jgħix, il-konvenut kompla jħallas lill-inibit saħansitra wara li ġie espressament mgħarraf bl-inabilitazzjoni mill-attur;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad id-domanda ta' l-attur. L-ispejjeż, barra dawk ġà fuq provvduti, jitħallsu mill-partijiet nofs kull wieħed.

---